MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 347/2012

**Fl-Atti ta’ l-Ittra Ufficjali bin-Numru 2473/2012 fl-ismijiet:**

**Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

**vs**

**Treasure Breaks Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ rikorrenti Treasure Breaks Limited pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Ottubru 2012 fejn esponiet is-segwenti:-

“*Illi l-kumpanija esponenti qieghda permezz tal-prezenti rikors imressaq a tenur ta’ l-Artikolu 466(2) tal-Kodici Tal-Organizazzjoni u Procedura Civili tikkontesta t-talba*

*dedotta mid-Direttur intimat permezz ta' l-ittra ufficcjali fl-ismijiet hawn fuq premessi abbazi tas-segwenti ragunijiet:*

(i) *Illi fl-ewwel lok id-Direttur intimat ghandu jipprova li huwa vestit bil-legittimazzjoni attiva sabiex ivanta l-pretensjoni de quo.*
(ii) *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess il-kreditu pretiz mid-Direttur intimat huwa preskritt ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) u ai termini ta' l-Artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili.*
(iii) *Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess il-kumpanija esponenti m'ghandha thallas xejn lill-intimat billi hija qatt ma kellha ebda licenzja kif indikat mill-istess intimat u wisq inqas kellha obbligi naxxenti minn tali licenzja.*
(iv) *Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba tad-Direttur intimat hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda."*

*Ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq premessi l-kumpanija rikorrenti talbet lil din il-Qorti joghgobha tiddikjara t-talba dedotta mid-Direttur intimat permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru 2473/2012 intavolata minnu ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u dan previa kull provediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura transport u komunikazzjoni fejn espona is-segwenti:-

"*Illi permezz ta' rikors datat 16 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tal-esponent ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija, sebgha u tletin euro u tmienja u erbghin centesmu (€337.48) li saret fil-konfront taghha bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi fl-ewwel lok id-Direttur intimat intavola l-azzjoni taht l-Artikolu 466 tal-Kap 12 bil-ghan li jigbor flejjes dovuti lil Gvern ta' Malta u jagixxi bis-sahha ta' Att XII 2010 li ghalkemm hassar l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni Kap 49 (fl-2010), zamm ukoll in vigore certi aspetti tal-Att li fost l-ohrajn f'artikolu 2 (3) jghid li 'Minkejja d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghal fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad jrid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolament maghmulin tahtu meta jidhol fis-sehh dan l-artikolu.'*

*Illi fit-tieni lok il-kreditu pretiz mid-Direttur intimat ma huwiex preskritt ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) u ai termini ta' l-artikolu 2156 (g) tal-Kodici Civili ghar-raguni li l-imsemmi kreditu jinvolvi biss l-arretrati dovuti ghall-ahhar hames snin ta' qabel intbaghtet l-ittra ufficjali 2473/2012.*

*Illi fit-tielet lok il-licenzja WT/1172/1993 tghajjat lil Treasure Breaks Limited kif jidher mill-anness Dok A u l-intimat qatt ma indika xejn differenti jew ghal kuntrarju ta' dan u ghalhekk l-istess socjeta' kellha l-obbligi naxxenti minn tali licenzja. Il-kontijiet dejjem intbaghtu lis-socjeta' kif jidher mill-Avviz ahhari anness mal-ittra ufficcjali – Dok B u anke minn korrispondenza datata 3 ta' Jannar 2012 - Dok C.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkonferma t-talba ta' l-esponenti fl-ittra ufficcjali numru 2473/2012 ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija sebgha u tletin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€337.48) u tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorenti bl-ispejjez."*

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota prezentata mill-intimat seduta stante nhar is-16 ta' Jannar 2013 li permezz taghha huwa jixtieq jirregola ruhu billi ma jopponix it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti Treasure Breaks Limited u ghal kull buon fini rtira l-opposizzjoni tieghu ghat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti

liema opposizzjoni saret permezz tar-risposta tieghu nhar it-8 ta Novembru 2012.

Rat din l-istess nota kifipprezentata fl-atti a fol. 16 fejn minn qari ta' l-istess jidher li l-intimat mhux qed jopponi t-talbiet rikorrenti.

**Ghaldaqstant, in vista ta' din l-istess nota u nuqqas ta' opposizzjoni da parte ta' l-intimat, il-Qorti qieghda tilqa' it-talbiet rikorrenti b'dan illi qed tiddikjara t-talba dedotta mid-Direttur intimat permezz ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 2473/2012 intavolata minnu ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili hija infondata fil-fatt u fid-dritt.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mid-Direttur intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------